MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2006

Avviz Numru. 498/2002

**Karmenu Mifsud Bonnici**

**Vs**

**Avukat Dr Austin Sammut**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jkun ikkundannat li jhallas lill-istess attur s-somma li tigi likwidata in linea ta' danni skond il-ligi dwar l-Istampa wara li jigi ddikjarat li l-konvenut ngurja u mmalafama lill-attur bil-kitba tieghu li dehret f'pagna 22 tal-'The Malta Independent on Sunday" tal-4 ta' Awissu 2002 fl-artikolu intitolat "The Dregs" u precizament meta kiteb fir-rigward tal-attur il-kliem 'The Dregs" u "People who have no decency and respect for others or, for that matter, the truth, who do not have any self-pride, who are prepared to sell their sole to the devil, who have no qualms about throwing any credibility they

may have to the winds, do not deserve one iota of respect, let alone the trust of a people! " (Dok A); wara li l-Qorti tiddikjara li l-kliem imsemmi fil-kuntest tal-artikolu kollu in kwistjoni, huwa gravement ingurjuz u malafamanti ghall-attur. Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni. Il-Qorti hija wkoll mitluba bir-rispett li tordna li sunt tas-sentenza taghha tkun ippubblikata f'The Malta Independent on Sunday fuq l-inkarigu u l-ispejjez tal-konvenut.

Ghall-fini tal-kompetenza u intaxxar, l-ammont tal-kawza ma jeccedix l-elfejn lira (Lm2,000).

Rat kif ukoll parti mill-harga tal-istess gazzetta bid-data tal-4 ta' Awissu 2002, kontenenti l-artikolu imsemmi fl-istess avviz (Fol 3 a tergo).

Rat in-nota tal-eccezzjonjiet tal-istess konvenut (fol 10 ibid) u li biha eccepixxa bir-rispett:

Illi t-talba ta' l-attur hija nfondata u ghandha tigi respenta bl-ispejjez kontra tieghu ghas-segwenti ragunijiet:

1. Il-kitba msemmija hija veritiera ghal dawk li huma fatti citati u ghalhekk huwa eccepit il-verita' tal-fatti u
2. Il-kummenti fl-artikolu huma opinjonijiet li kull persuna ghandu dritt jesprimi u b'hekk jikkostitwixxi "fair comment" u bl-ebda mod ma mmalafamaw lill-attur.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, f'dan il-kaz, in vista tan-natura tal-eccezzjonijiet in esami li jirreferi ghall-"verita tal-fatti" u "fair comment", il-provi gew <u>invertiti</u> kif jidher mill-istess atti a fol 11 kif ukoll a 17 et seq ibid fejn tinstab ix-xhieda tal-konvenut oltre d-dokumenti esebiti mill-istess konvenut a fol 21 sa fol 32 u fol 37.

Illi jidher mill-istess atti illi l-attur ma ressaq ebda prova.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut b'referenza ghall-artikolu in esami u ghall-partijiet allegatament libelluzi u malfamanti fil-konfront tal-attur u li huma citati fl-avviz in esami kif ukoll delineati fid-dokument markat Dok A u anness a fol 3 tal-atti, jikkontendi fix-xhieda tieghu, illi l-artikolu u l-kummenti li saru minnu fih effettivament, li dawn jirreferu mhux biss ghall-attur izda ghal dan u l-Kap tal-Opposizzjoni taz-zmien in kwistjoni. Fi kliem l-istess attur … fl-istess artikolu hemm kummenti generici li jistghu japplikaw kemm ghall-attur kemm ghal Dr Sant jew ghat-tnejn flimkien".

Sussegwentement, l-istess konvenut accenna ghal certi episodji li taghhom hu stess kien xhud okulari jew waqt jew wara li dawn graw. A basi ta' dawn l-episodji, li ghalihom ghamel referenza skond kif gew riportati ukoll f'diversi gazzetti u skond kif risultanti minn estratt ta' dibattitu parlamentari, il-konvenut jhoss, skond kif qal testwalment illi "… il-kummenti … li hemm ilmenti fuqhom …., jiena kelli d-dritt naghmel …. u fil-fatt jistghu jirreferu ghaz-zewg persuni li indikajt aktar il-fuq". Difatti hu specifika illi l-kliem "They are prepared to sell their souls to the devil" ma kienx qed jirreferi ghall-attur waqt li l-kliem "who have no qualms about throwing any creditbility they may have to the winds" u "who do not have any self-pride" kien qed jirreferi ghar-relazzjoni bejn l-attur u l-predecessur tieghu bhala Prim Ministru ta' Malta. Fl-ahhar nett, dwar l-intestatura tal-artikolu in kwistjoni ossija l-kelma "dregs" hu ried jfisser illi "…konna wasalna litteralment …mhux aktar baxx milli tista tasal bhala sitwazzjoni".

Ikkunsidrat

Illi minn analisi li saret ta' dak li ntqal fl-istess artikolu, ma ghandu jkun hemm ebda dubbju li ntuzaw kliem iebsin u horox fil-konfront tal-attur. Pero', il-Qorti hi tal-fehma illi l-istess kummenti huma ragjonevolment gustikati f'socjeta demokratika li tirrispetta u tipprotegi l-liberta tal-espressjoni u tal-istampa purche' kummenti, bhal dawk in

esami, jirreferu ghal fatti li, f'dan il-kaz, irrisultaw mill-provi sottomessi mill-konvenut. Hawnhekk jigi sottolineat illi f'kaz ta' personalita publika, bhal ma kien l-attur, jrid jinzamm bilanc bejn il-libertajiet hawn fuq imsemmija w id-dritt tieghu ghas-salvagwardju tar-reputazzjoni. Fil-kaz in desamina, ma jidhrix illi dan il-bilanc gie miksur in vista li l-kummenti in esami huma bazati fuq fatti kif risultanti mill-provi tal-konvenut u bl-ebda mod kuntradetti permezz ta' prova kontrarja.

Ikkunsidrat

Illi ghalhekk, it-talbiet attrici ma jistghux jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad it-talbiet attrici waqt li, fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, tordna li l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------